Minuti tal-laqgħa numru sitta u tletin (36) tal-Kunsill Lokali tar-Rabat (KLR) li nżammet nhar l-Erbgħa, 20 ta' Mejju 2021 fis-6.00pm, fi 34, Triq Inguanez, ir-Rabat, Malta.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Is-Sur Sandro Craus | Sindku |
| | Is-Sur Matthew Chetcuti | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Chris Farrugia | Kunsillier |
| | Is-Sur Kris Grech | Kunsillier |
| | Is-Sur Rudolph Grima | Kunsillier |
| | Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| | Is-Sa Doris Coleiro | Kunsillier |
| | Is-Sur Alan Said | Kunsillier |
| | Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (SE) |
| SKUŻAT: | Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |

36.01 **Talba u Qari tal-ittri ta' apoloġija** — Talba u apoloġiji

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus, il-Viċi Sindku, il-kunsillieri u s-SE qalu t-talba flimkien. Is-SE informa lill-kunsillieri illi irċieva messaġġ fuq il-mobile mingħand is-Sur Nazju Cassar sabiex ikun skużat illejla. It-talba intlaqgħet unanimament.

36.02 **Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti tas-seduta numru ħamsa u tletin (35)** — Minuti

Minuti tas-seduta numru ħamsa u tletin (35) kienu mqassma mal-agenda biex il-kunsillieri setgħu jaqrawhom. Dawn kienu kkunsidrati kif inhuma u kienu unanimament approvati u ffirmati wara li kienu proposti mis-Sindku, is-Sur Sandro Craus u ssekondati mis-Sur Chris Farrugia.

36.02.01 **Punti mill-Minuti:** — Mics FM

Dwar ir-Radju tal-Komunità, s-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi dan lanqas jista' jkun fil-Binja tal-kunsill, u l-kunsill ma jistax imexxih hu. Infatti kien stabbilit illi lanqas il-kunsillieri ma jistgħu ikunu fil-bord tat-tmexxija. Intant, kien sostnut il-fatt illi MICS FM kien qed iservi għal ċertu ħtiġijiet tal-komunità speċjalment għal skop ta' informazzjoni għas-semmiegħa ta' bosta Rabtin.

36.02.02 Is-Sindku tkellem dwar il-Proġett ta' Triq Santa Rita u aġġorna lill-kunsillieri illi sar xogħol utli fuq il-parti tal-binja li tmiss mal-latrina pubblika u din issa ġiet bħala kamra kbira biex taħżen l-ilma. Il-pavimentar m'hemmx bżonn li jinbidel u se jkun hemm l-ordni għall-bieb kbir li nfetaħ biex jidħlu t-tankijiet tal-ilma u se tiġi riżervata parti minn din il-kamra għas-*supplies* tal-latrina. Sar suġġeriment biex nagħmlu pannelli għall-enerġija solari, filwaqt li kien hemm talba biex għal ħabta ta' Settembru/Ottubru, jinżabru s-siġar tal-*ficus* il-kbar li hemm fl-istess post. Is-Sindku qal illi diġa nxtraw il-bankijiet u twaħħlu wkoll il-*litter bins* il-ġodda fl-inħawi tal-Pjazza u ta' Triq Santa Rita u se nirranġaw dawk eżistenti biex jerġgħu jitwaħħlu fi Triq ir-Rebħa. Is-Sindku żied jgħid illi se nkunu nistgħu inwaħħlu fanali dekorattivi ġodda ta' b'wieħed fl-istess triq. Dwar ir-rampa, is-Sur Craus qal illi se nagħmlu forma ta' taraġ u f'kull *landing* se nagħmlu planter. — Proġett ta' Triq Santa Rita

* Is-Sra Doris Coleiro daħlet għal-laqgħa fis-18.36.



Kunsill Lokali tar-Rabat; 30, Triq Inguanez, ir-Rabat; Tel: 21455000; E-mail: rabat.malta.lc@gov.mt

36.02.03 Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi reġa' nfetaħ mill-ġdid iz-zuntier tal-Bażilika wara li reġa' sar it-taraġ mill-ġdid taħt l-arkata. Intant, dwar iċ-ċnut taz-zuntier, l-aħħar stima li tawna kienet dik ta' Eur80,000 li tinkludi li jsiru l-istatwetti tal-erwieħ u l-fjammi mill-ġdid. Zuntier tal-Bażilika

36.03 **Approvazzjoni taċ-ċedoli tal-pagamenti numru 323 u tal-*Works/Purchase Orders* numru 42** Ċedola tal-Pagamenti u dik lista ta' xiri ta' servizzi

Kienu kkunsidrati iċ-ċedola tal-pagamenti 323 u dik tal-*Works/Purchases Order* numru 42 u dawn għaddew b'vot unanimu b'korrezzjoni żgħira f'deskrizzjoni fejn ingħata l-konkos peress li fis-sit jirriżulta li hu f'Tal-Ħamri. Dawn id-dokumenti kienu approvati u ffimrati.

36.04.01 **Mistoqsijiet tal-Kunsillieri** Jum ir-Rabat

Is-Sur Chris Farrugia staqsa jekk hux se ssir l-attività f'Jum ir-Rabat 2021 peress li jidher li qiegħdin jerġgħu jerħu l-miżuri tas-saħħa vis a vis il-Covid 19. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi qiegħdin nilgħabuha; minħabba li din hija *mass event* u bħalma jaf kulħadd dan is-Sajf li ġej, lanqas il-festi m'huma se jsiru. Hu qal illi biex ikollok attività tajba trid tipprepara sew filwaqt li hemm wisq inċertezzi. F'dan il-punt il-Viċi Sindku, is-Sur Matthew Chetcuti qal illi nistgħu intellgħu *facebook event live* u nistgħu intellgħu fiha wkoll *clip* fuq ir-Rabat u jsiru l-preżentazzjonijiet dejjem fuq facebook.

36.04.02 Is-Sur Ian Vassallo staqsa għall-pjanti tal-parkeġġi ta' Triq Sant Aristarku u Triq San Trofimu. Is-Sur Vassallo kien ikkupjat fl-*e-mails* li ntbagħtu mill-uffiċċju lill-Infrastruttura Malta li qed tagħmel ix-xogħlijiet ta' toroq fl-akwati ta' dik l-imsejħa blata. Issemmiet il-proposta ta' parkeġġ *slanting* u is-Sra Doris Coleiro ikkonfermat illi min għandu l-*garages* qed ibati biex idaħħal il-vetturi tiegħu. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi kif jingħata t-tarmak, il-KLR se jressaq mill-ewwel il-każ ma' TM. Hu semma' illi fil-laqgħa li kellhom hu u s-SE mal-uffiċjali ta' IM, dawn ikkonfermaw illi l-istess ammont ta' parkeġġ se jkun fadal u dawn mhux se jonqsu. Il-blata u t-toroq Sant Aristarku u San Trofimu

Suggeriment tas-Sur Chris Farrugia kien dwar ħolqien ta' *Cactus garden* fuq din il-blata u fuq kollox il-bżonn li jinżabru is-siġar li ilhom aktar minn sena u nofs ma jinżabru.

36.04.03 Is-Sur Matthew Chetcuti staqsa dwar l-aċċess għall-bini tal-Kunsill li se jiġi rranġat permezz ta' *platform lift* fuq barra ħalli l-anzjani u persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jidħlu fil-Muniċipju. Il-Perit Buhagiar kellu jmur jara lift simili tal-Go plc fi Triq Dun Karm Psaila, B'Kara. Aċċess għall-Muniċipju (permezz ta' platform lift fuq barra)

36.05 **Ftehim mal-iżviluppatur dwar il-proġett ta' quddiem il-Pjazza tal-Knisja l-ġdida tal-Baħrija** Ftehim mal-Iżviluppatur tal-Binja/Ġnien

Dwar il-ftehim mal-iżviluppatur, s'issa għad m'għandna xejn konkret (in black & white)

36.06 **Talba għal refużjoni ta' spejjeż ta' aċċident bil-vettura fil-Fiddien u ieħor b'rota fi Vjal il-Ħaddiem k/m Triq Ħal Tartarni (culvert)** Talbiet għall-refużjoni wara aċċidenti.

Dwar dawn it-talbiet minn persuni li jkunu sofrew xi danni waqt li jkunu għaddejjin mit-toroq, kien suġġerit illi jitwaqqaf kumitat tekniku biex jirrakkomanda lill-Kunsill dwar kull inċident li jkun kunsidrat fuq il-mertu tiegħu. Intant dwar l-inċidenti fuq miġjuba għall-attenzjoni tal-Kunsill Lokali tar-Rabat, kien deċiż illi qabel ma jkollna kopja tar-rapport tal-Pulizija f'idejna ma joħroġ l-ebda' pagament.

36.07 **Talba proposta mill-Awtorità tal-Artijiet biex il-Kunsill japplika f'isem l-Iscouts għall-plot wara l-binja tagħhom.** Devoluzzjoni – Plot wara s-sede tal-iscouts

Il-Kunsill Lokali tar-Rabat iddeċieda li japplika għad-devoluzzjoni tal-art wara l-binja tal-Iscouts fi Triq Rudolph Saliba, biex din tkun tista' tintuża mhux biss mill-Iscouts tar-Rabat, iżda wkoll mill-anzjani li jattendu fiċ-Ċentru ta' matul il-jum

36.08 **Problema ta' aċċess minħabba l-monti tal-Ħadd għar-residenti ta' Bir Iljun b'Għeriexem u Triq Doni isir ix-xogħol fihom.** Bejjiegħa tal-Monti.

Il-Kunsill qabel unanimament dwar id-deċiżjoni li ħadu s-Sindku, is-Sur Sandro Craus u s-SE, nhar il-Ħadd, 16 ta' Mejju. Dawn reġgħu bdew jarmaw tal-monti wara li ġew rilaxxati ir-restrizzjonijiet tal-Covid 19. Il-bejjiegħa ta' Triq Santa Rita minn Triq Franġisk Catania 'l isfel mhux se jarmaw ħalli t-traffiku jitħalla jgħaddi minn hemm. Dan għaliex ir-residenti li joqgħodu fi Triq ir-Rebħa, Triq il-Mitħna, Triq Doni l-Qadima ecc m'għandhomx aċċess għaliex Għeriexem hija magħluqa b'xogħlijiet ta' kostruzzjoni. Sadanittant, bdiet tittieħed l-attendenza tal-monti sabiex jekk hemm uħud minnhom li ma jarmawx għal sitt darbiet fuq xulxin, nibdew nirregolarizzaw il-posti u l-monti jiqsar kemm minn fuq, kif ukoll min-naħa t'isfel.

36.09 **Proposti mill-Għaqda tal-*Campers/Caravans* (AMCOA) lill-Ministeru tal-Ambjent għad-Discussion Paper (31.3.21) – sit magħżul minnhom f'Wied Rini** Wied Rini – Camping Site

Is-Sindku, s-Sur Sandro Craus u s-SE iltaqgħu mal-għaqda tal-*Caravans u l-Campers* fl-uffiċċju. Bi preparazzjoni għall-*White Paper* dwar il-*camping sites* maħruġa mill-Ministeru għall-Ambjent, dawn qed jindikaw Wied Rini bħala mis-siti potenzjali għal dan il-għan. Il-KLR kien unanimu illi m'hemmx oġġezzjoni għal dan sakemm dan is-sit ikun ta' livell għoli u jkun hemm ħlas lill-Kunsill biex jieħu ħsiebu/jimmaniġġjah hu, ħalli jkollu kontroll fuq dan is-sit.

36.10 **Ġnien Bir Iljun – il-pass li jmiss** Ġnien Bir Iljun

Se jinstema' l-appell Kunsill Lokali tar-Rabat vs *Northern Building* nhar it-3 ta' Ġunju fil-PCRB.

36.11 **Eżodu tal-konsultazzjoni pubblika tal-Pjazza ta' quddiem il-Knijsa tal-Baħrija** Konsultazzjoni Pubblika

Il-Kunsill Lokali tar-Rabat organizza konsultazzjoni pubblika nhar it-Tnejn, 17 ta' Mejju u diġa' kellu r-reazzjoni tal-pubbliku. It-tħassib ta' min ħalla kumment bil-miktub fuq il-paġna ta' *facebook* kienu maqsuma mis-SE kif ġej:

- L-Istorbju u l-ingombru bl-imwejjed u s-siġġijiet tal-Cafeteria
- L-għeluq tat-triq li twassal għall-pjazza ta' quddiem il-knisja
- Il-post alternattiv biex it-tfal jilgħabu l-ballun peress li f'dan is-sit ilhom snin twal bil-lasti tal-futbol. Kien hemm min issuġġerixxa li l-ground isir post ieħor.
- Il-proposta ta' pannelli solari biex jiġġeneraw l-enerġija ħalli tlaħħaq mad-dwal kollu li se jinxtehel bil-lejl.
- Kien hemm dubju dwar jekk hux sostenibbli li jsir aktar turf jew jitħawwlux aktar siġar ħalli tiżdied il-ħdura

L-akbar ammont ta' messaġġi kienu riċevuti fuq l-ewwel tliet punti.

36.12 **Punti Oħra** Doggy bin fi Vjal il-Ħaddiem

Is-Sur Ian Vassallo semma' l-importanza li jerġa' jitwaħħal id-doggy bin mill-ġdid fi Vjal il-Ħaddiem, faċċata ta' Pawlu tar-Radiators. Is-Sindku qal illi dan kellna naqilgħuh għaliex kienu qed jitfgħu ġo fih il-borża s-sewda tal-iskart domestiku fih abbużivament.



*Kunsill Lokali tar-Rabat; 30, Triq Inguanez, ir-Rabat; Tel: 21455000; E-mail: rabat.malta.lc@gov.mt*

| | | |
|---|---|---|
| 36.12.01 | Is-Sur Matthew Chetcuti talab sabiex issir tabella bħal tal-Cul-de-Sac biex il-vetturi li jkunu deħlin minn Triq Santa Rita għal Triq Franġisk Catania u Triq ir-Rebħa ikunu jafu li jridu jerġgħu joħorġu mill-istess Triq Santa Rita. | Cul de sac |
| 36.12.02 | Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus informa lill-kunsillieri illi f'Tal-Ħamri tlesta d-drenaġġ mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma u issa sar *reinstatement* billi ingħata t-tarmak bl-istess livelli li kien hemm qabel, tul il-wiċċ tat-triq kollha u mhux fuq il-gandotti biss. | WSC f'Tal-Ħamri |
| 36.12.03 | Is-Sur Chris Farrugia qal illi finalment se jibda' x-xogħol tar-restawr tal-lapidi (mafkar) billi jerġgħu jinżebgħu mill-ġdid il-kliem li tqaxxrilhom mis-Sur Leslie Diedo. | Restawr ta' lapidi. |
| 36.12.04 | Is-Sur Chris Farrugia fakkar sabiex jibda' x-xogħol ta' tindif tal-*culverts* qabel ix-xitwa li ġejja ħalli ma jkollniex problemi. Il-kunsillieri qablu illi dan ix-xogħol jibda lejn l-aħħar ta' Awwissu. | Tindif ta' culverts |
| 36.12.05 | Is-Sur Chris Farrugia semma' l-bżonn li jissewwew il-lampi ta' mal-faċċata tal-Knisja ta' San Duminku. Hu qal illi jixtieq jiltaqa' magħna Fr Chris Caruana biex ikellimna aktar dwar dan. | Lampi mal-faċċata tal-Knisja ta' San Duminku |
| 36.12.06 | Issemma' wkoll il-bżonn illi jsir il-pavimentar tal-isqaqien ta' Ħal Pilatu fi Triq il-Kulleġġ u ta' Bir ir-Riebu. Għas-suġġeriment ta' Chris Farrugia li jitpoġġew aktar qsari fl-isqaqien, is-Sur Ian Vassallo qal illi f'postijiet dojoq irridu noqgħodu attenti li ma jkunx hemm emerġenza u minħabba fihom ma tkunx tista' tidħol abbulanza jew *fire engine*. Madankollu is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi nistgħu nagħmlu xi *creeper* bħall-*bougonville* bħalma saru fi Triq Santa Rita biex il-ħitan jieħdu ftit kulur. | Sqaqien |
| * | Fis-7.30pm ingħaqdu magħna is-Sur Alan Said u s-Sur Rudolph Grima. | |
| 36.12.07 | Is-Sur Alan Said tkellem dwar id-diffikultà biex jgħaddi t-traffiku primarjament minn Triq ta' Saura u Triq Gorg Borg Olivier minħabba x-xogħlijiet fuq in-Nigret u Għeriexem. Hu qal illi fi Triq Borg Olivier hemm problema kbira minħabba traffiku addizzjonali minħabba dawn id-devjazzjonijiet. Xi kunsillieri qalu illi hemm bżonn illi jkun hawn il-*Wardens* ta' *Transport Malta* biex jenforzaw il-fatt biex ma jgħaddux it-trakkijiet minn Triq Gorg Borg Olivier. Is-Sur Rudolph Grima semma' kif il-problema se tkompli teskala bit-trakkijiet involuti fit-trasport tal-proġett tal-Verdala li ser ikissru Triq San Bastjan u Triq Inguanez. Kien hemm qbil biex tinkiteb ittra ħalli TM timpedixxi li l-proġett tat-twaqqiegħ tal-Verdala jibda' qabel ma jitlesta dak ta' Triq Għeriexem. Is-Sindku qal illi hemm bżonn illi ssir *bye-law* biex it-trakkijiet goffi ma jgħaddux miċ-ċentru filwaqt li s-Sur Alan Said qal illi hemm bżonn ukoll li nlaqqgħu ukoll l-*un/loading vehicles* f'ħin wieħed /ġurnata waħda peress li qed jikkaġunaw staġnar tat-traffiku matul diversi ħinijiet fil-qalba tar-Rabat, bħalma qed isir fl-Imdina. Kien stabbilit illi ssir laqgħa ma' *AX Holdings* dwar dan u l-KLR jiltaqa' biex jitkellem dwar dan nhar l-Erbgħa, 26 ta' Mejju. | Trasport u konġestjoni fir-Rabat kaġun tal-Veredala u bejjiegħa tal-ħwienet. |
| *36.12.08 | Fit-20:00 telaq mil-kamra is-Sur Chris Farrugia, fit-20:20 ħareġ ukoll is-Sur Alan Said u s-Sur Kris Grech telaq fit-20:30. | |
| 36.13 | **Tmiem il-laqgħa u data u l-ħin tas-seduta li jmiss.** | Aġġornament |
| | Il-Kunsill Lokali tar-Rabat se jiltaqa' nhar id-9 ta' Ġunju fis-6.00pm u din il-laqgħa ntemmet fid-20.45pm. | |

**(IFFIRMATA)** **(IFFIRMATA)**

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 9.6.2021 minn Sandro Craus
Segretarju Eżekuttiv Sindku



Kunsill Lokali tar-Rabat; 30, Triq Inguanez, ir-Rabat; Tel: 21455000; E-mail: rabat.malta.lc@gov.mt